MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 45/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Briffa talli fis-6 ta' Ottubru 2006 ghall habta tas-2.30 p.m. waqt li kien gewwa r-residenza taghhom fi Triq il-Gurgier, B' Bugia:

(1) Hebb ghall-persuna ta' Isabella De Agostino;

(2) Uza forza attiva fuq il-persuna ta' Isabella DeAgostino u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. D. Balzan mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Jannar 2007 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre dik il-Qorti ordnat ukoll il-hrug ta’ garanzija favur il-parte civile Isabella DeAgostino ghal zmien sena mid-data ta’ dik is-sentenza taht penali ta’ hames mitt lira (Lm500) ai termini ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Raymond Briffa pprezentat fit-8 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u konsegwentament tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena; u subordinatament u assolutament bla pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza, anke jekk huwa jinsab hati fuq il-fatti kif konstati mill-ewwel Qorti ghandha tigi nflitta piena li tixraq aktar il-kontravvenzjonijiet li taghhom huwa akkuzat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Preliminarjament, l-ewwel Qorti ma setghet qatt tikkundannah ghall-piena li kkundannatu meta ma jirrizultax li nstab hati kif jidher mis-sentenza nnifisha a fol. 1; (2) Bla pregudizzju ghall-premess, fil-mertu l-ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti peress illi ghalkemm kien hemm incident bejn il-konjugi Briffa u gew fl-idejn, meta nqalghu minn xulxin it-tnejn li huma spiccaw b’xi feriti hfief. Barra minn hekk mart l-appellant kienet ilha tinbxu u tipprovokah. Biddlitlu s-

serratura tad-dar matrimonjali, minkejja li fil-kuntratt ta' separazzjoni kienu ftehmu illi ser jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm tinbiegh. Kien ferm preokkupat dwar it-tifel minuri Kevin li kien jidhol id-dar mil-logg ghax ommu kienet thallieh barra. Barra minn hekk martu kellha relazzjoni extra-konjugali ma' certu Michael, inizjata sa minn qabel is-esparazzjoni bonarja ta' bejniethom, u kienet qed iddahhlu fid-dar matrimonjali u taghti skandlu lit-tifel; (3) Subordinatament u bla pregudizzju, il-piena nflitta hija eccessiva. M'hemm l-ebda proporzjon bejn il-kontravvenzjonijiet u l-piena nflitta fic-cirkostanzi tal-kaz u in partikolari meta jitqies li l-incident nqala' konsegwenza tan-nuqqas ta' martu li tonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni taghhom u tal-ugigh li kien qed isofri l-appellant minhabba l-agir xejn ezemplari ta' martu.
Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed jattakka proprju dak li jirrizulta fuq l-ewwel pagna tal-process, cioe` fuq ic-citazzjoni fejn il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti kiteb testwalment hekk:

> "Tlitt xhur prigunerija sospizi ghal sena.
> Art. 383 Kap. 9 ghal sena taht penali ta' Lm500."

Taht imbaghad hemm il-firma ta' l-istess Magistrat sedenti u d-data tad-29 ta' Jannar 2007.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma jistax jissepara dak li hemm a fol. 1 minn dak li hemm a fol. 17 u 18. Is-sentenza dattilografata a fol. 17 u 18, <u>iffirmata wkoll mill-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti</u>, tirrapprezenta dak li sehh u gie deciz fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2007, inkluza d-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant (allura imputat). Is-sentenza dattilografata tikkontjeni l-elementi kollha rikjesti mill-imsemmi artikolu 382. U, wara kollox, anke minn

ezami ta' fol. 1 jirrizulta li hemm il-fatti li taghhom l-appellant gie misjub hati - l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu - hemm l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati hemm imsemmija - art. 339(1)(d) u 221 tal-Kap. 9 - u hemm ukoll il-piena li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghti - kif miktuba mill-Magistrat sedenti. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti fil-fatt semghet ix-xhieda mill-gdid u minnha jirrizulta s-segwenti:

**Isabella De Agostino** xehdet illi fil-gurnata in kwistjoni ghall-habta tas-2.30 p.m. l-appellant cempel il-qanpiena u kif marret tiftah qabad jargumenta maghha mbaghad qabad jghidilha li ghandha *boyfriend* u qabad itiha bil-ponn, qasmilha xofftejha, taha go widnejha, go dahrha u go genbha. Ghamlet erbat ijiem b’widnejha jugghuha. Ghamlet certifikat tat-tabib. Mistoqsija in kontro-ezami jekk hux minnu li hi u zewgha huma separati, li ghamlu kuntratt ta’ separazzjoni bonarja u li ghandhom dritt it-tnejn jghixu fid-dar matrimonjali sakemm tinbiegh, wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija jekk qabditx u bidlet is-serratura tad-dar, wara twissija mill-Qorti li jekk tahseb li tista’ tinkrimina lilha nnifisha, ghazlet li ma twegibx.

**L-appellant Raymond Briffa** xehed illi huwa kien qed jigi provokat u biex ma jersaqx lejn id-dar martu biddlet ic-cwievet. Kien imur biex ikellimha bil-kelma t-tajba, jiktbilha bl-Avukat u ma tirrispondix, imur l-ghassa u ma tiftahlux, imur wara l-bieb jistenna nofs siegha. Kien jaghmel rapporti kuljum. Issa ma baqax jinzel id-dar. Dwar il-kaz in ezami qal li hu kien imur jitlobha c-cavetta u tghidlu li ma tridx ittihielu. Hi vjolenti u toffendieh. Ma jafx minn fejn gabitha d-daqqa ghax qatt ma raha b’qasma fuqha. Mistoqsi jekk hi kkagunatlux griehi hfief wiegeb li hu ma ghamilx bhala u ma marx l-Isptar u l-anqas polyclinic. Dwar ic-cavetta ghandu kawza maghha. L-appellant stqarr li ghandu wega’ kbira ghax ghandu erbat itfal ilu sena ma jarahom.

Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda principali *viva voce*, hi sodisfatta li l-incident in kwistjoni verament sehh u li Isabella De Agostino verament sofriet offizi ta' natura hafifa fl-imsemmi incident. Dawn l-offizi huma konfermati mic-certifikat mediku rilaxxjat mit-tabiba Dr. Diana Balzan (a fol. 16) u li hija kkonfermat bil-gurament fl-affidavit taghha (a fol. 15). Barra minn hekk mill-affidavit ta' W.P.C. 21 Ashley Bugeja li rceviet ir-rapport minghand Isabella De Agostino, jirrizulta li l-imsemmija Isabella De Agostino rrapportat li garrbet l-istess offizi lill-Pulizija kif indikati fl-imsemmi certifikat. Ghalkemm huwa possibbli li l-appellant garrab xi offizi hfief hu wkoll, dwar dawn ma ngabet l-ebda prova.

Din il-Qorti tifhem il-wegghat ta' l-appellant f'sitwazzjoni fejn iz-zwieg tieghu jidher li tkisser u qed isib ostakoli sahansitra biex jara lil uliedu. Izda jekk martu offendietu, dan b'ebda mod ma jiggustifika l-uzu ta' vjolenza. Mill-affidavit ta' W.P.C. 21 Ashley Bugeja mbaghad jirrizulta li meta kellmet lill-appellant huwa qallha li martu marret fuqu u girfitu. Fir-rikors ta' appell tieghu jghid biss li "gew fl-idejn". Meta xehed quddiem din il-Qorti qal li martu kienet vjolenti u offendietu u staghgeb dwar dak li qalet martu dwar l-offizi li garrbet meta qal li ma jafx "minn fejn din id-daqqa … ghax jien qatt ma rajtha b'qasma fuqha". Jigifieri l-appellant la ammetta u l-anqas innega li kien wegga' lil martu u pprova biss idahhal id-dubju f'dak li kienet qed tghid martu. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, bil-mod kif xehed l-appellant huwa kompla jikkorrobora dak li qalet martu. Il-vjolenza ma hija qatt skuzabbli. L-appellant ma jistax isolvi l-problemi tieghu bil-vjolenza, imwegga' kemm hu mwegga'. Hemm il-mezzi legali u l-istrutturi idoneji sabiex jghinuh isolvi tali problemi.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eccessiva. Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun

hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Peress illi fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jirreferi ghaz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu bhala “kontravvenzjonijiet”, irid jinghad l-ewwelnett illi t-tieni imputazzjoni mhijiex kontravvenzjoni izda delitt skond l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali.

F’dan il-kaz fil-fatt il-piena applikabbli hi dik ta’ tliet xhur prigunerija skond l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, peress illi l-ewwel imputazzjoni hi assorbita fit-tieni, mizjud bi grad skond l-artikolu 222(1)(a) peress illi l-offizi in kwistjoni saru fuq mart l-appellant, u ghalhekk massimu ta’ sitt xhur prigunerija. Jigifieri meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ tliet xhur prigunerija hija, fid-diskrezzjoni taghha, kienet qed timponi piena entro l-parametri tal-ligi. Barra minn hekk, bil-fatt li ssospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza hija kienet qed taghti widen ghall-ilmenti ta’ l-appellant dwar l-atteggjament ta’ martu lejh. Konsegwentement din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba dik id-diskrezzjoni

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi kemm il-perijodu operattiv ta’ tnax-il xahar tas-sentenza sospiza kif ukoll il-perijodu ta’ tnax-il xahar ta’ l-obbligazzjoni bil-miktub (a fol. 30) skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jibdew jiddekorru millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

U peress illi mill-atti ta’ liberazzjoni kondizzjonata a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------